



Bord ta' Amministrazzjoni

(ABBOZZ)

BAĠIT EMENDATORJU 1/2015

CT/CA-002/2015MT

WERREJ

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

B. DĦUL

C. INFIQ

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – HARSJA ĠENERALI

III. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL 2015

IV. DIKJARAZZJONI TAL-INFIQ 2015

I. INTRODUZZJONI

A. INTRODUZZJONI ĠENERALI

Iċ-Ċentru tat-Traduzzjoni fassal dan il-baġit emendatorju 1/2015 skont l-Artikolu 34 tar-Regolament Finanzjarju tiegħu tat-2 ta' Jannar 2014, għar-raġunijiet li ġejjin:

- FI-2015, bħala mezz li jitnaqqas l-eċċess baġitarju akkumulat taċ-Ċentru, u kif propost lill-Bord tal-Amministrazzjoni fil-laqgħa tiegħu ta' Ottubru 2014, iċ-Ċentru se jirritorna parti mill-ammont fil-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' lill-klijenti tiegħu.
- FI-2016 iċ-Ċentru jista' jkun jeħtieġ spazju addizzjonali għall-uffiċċji minħabba proġett tat-traduzzjoni ġdid potenzjali għall-Kummissjoni Ewropea – il-proġett ODR tad-DĠ JUST (li qabel kien DĠ SANCO) – fejn jista' jkun meħtieġ li jiġi reklutat persunal ġdid minn Jannar 2016. Fil-fażi inizjali ta' dan il-proġett iċ-Ċentru għandu jirrekluta persunal kuntrattwali. Ir-regoli tat-telexogħol il-ġodda taċ-Ċentru li ġew allinjati mad-Dispożizzjonijiet ta' Implimentazzjoni Ġenerali tal-Kummissjoni dwar it-telexogħol ma jippermettux aktar telexogħol ta' 100 % li jfisser li 12-il teleħaddiem se jeħtieġu spazju għall-uffiċċji fil-post taċ-Ċentru għall-50 % tal-ħin tax-xogħol tagħhom. Iċ-Ċentru jeħtieġ ukoll li jistabbilixxi faċilitajiet għall-konferenzi bil-vidjow minħabba li żdiedu d-diffikultajiet biex jiġu riżervati l-kmamar għall-konferenzi bil-vidjow tal-Kummissjoni Ewropea. Dan huwa f'konformità mal-oġġettiv taċ-Ċentru li jtejjeb il-komunikazzjoni mal-klijenti tiegħu.
- Żieda ta' EUR 150 000 hija meħtieġa fil-Partita 2100, 'Ħardwer u softwer tal-IT', u l-Partita 2120, 'Konsulenza tal-IT'.
- F'konformità mal-politika taċ-Ċentru biex postijiet tax-xogħol uffiċjali AST li jsiru vakanti jiġu ttrasformati f'postijiet tax-xogħol għall-persunal temporanju jew kuntrattwali, qed jiġi ssuġġerit li post tax-xogħol AST 5 permanenti wieħed jinbidel f'post tax-xogħol temporanju.

L-ammonti kollha f'dan id-dokument huma f'ewro.

B. DĦUL

Id-dħul totali previst għall-2015 huwa ta' EUR 49.6 miljun, imqassam kif ġej:

Titolu	Dħul (EUR)
1. Aġenziji u korpi	39 930 700
3. Kooperazzjoni interistituzzjonali (Istituzzjonijiet Ewropej)	3 120 300
4. Dħul ieħor	343 250
5. Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	8 491 250
6. Rifużjonijiet	-2 300 300

Sabiex jitnaqqas l-eċċess tal-baġit akkumulat, iċ-Ċentru qed jirrimborża EUR 2.3 miljun tal-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' tiegħu lill-klijenti tiegħu fl-2015. Ir-rimborż lil kull klijent se jkun ikkalkulat bħala proporzjon tal-parti tal-klijent fuq id-dħul ġenerali taċ-Ċentru tul it-tliet snin li għaddew. It-EUR 2.3 miljun ġew inklużi fil-Partita 5015, 'Trasferiment mill- "Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet"', u fil-Partita 6000, 'Rifużjonijiet lill-klijenti'.

Barra minn hekk, iċ-Ċentru ttrasferixxa għad-dħul EUR 531 900 addizzjonali mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet', inkluż fil-Partita 5015. Dan l-ammont jikkorrispondi għaż-żieda prevista fl-infiq, prinċipalment għall-kiri ta' spazju addizzjonali għall-uffiċċji.

F'Diċembru 2014, iċ-Ċentru ffirmat ftehim ma' klijent mal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR). Għaldaqstant, inħolqot il-partita tal-baġit 1054 ġdida fid-dħul. Aġenzija oħra bidlet isimha, u l-partita tal-baġit 1026 ġiet għaldaqstant aġġornata bl-isem il-ġdid 'Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agricoltura u l-Ikel (Chafea)'. Qed issir korrezzjoni fil-partita tal-baġit 1052, 'Impriża Kongjunta għall-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea', minn "-" għal "p.m.", peress li l-partita se tintuża fl-2015.

C. INFIQ

L-infiq għaż-żieda tal-ispazju għall-uffiċċji, inkluż l-infiq relatat mal-bini u l-arredament neċessarju, ġie stmat għal EUR 429 900 għas-sena 2015. Dan huwa bbażat fuq il-preżunzjoni li iċ-Ċentru se jibda jħallas il-kera f'Marzu 2015. Il-parti prinċipali taż-żieda, EUR 306 300, ġiet inkluża fil-Kapitolu 20, 'Kiri ta' bini u infiq assoċjat'. L-ammont ta' EUR 50 000 ġie inkluż fil-Partita 2120, 'Hardwer u softwer tal-IT', u l-EUR 73 600 li jibqa' ġie previst fil-Kapitolu 22, 'Proprietà mobbli u infiq assoċjat', u l-Partita 2353, 'Ġarr dipartimentali'. Fl-istess ħin, l-istima tal-kera totali għall-uffiċċji taċ-Ċentru fl-2015 ġiet aġġornata bl-aġġustament fil-prezz attwali f'Settembru 2014. L-aġġustament fil-prezz kien iktar baxx minn dak stmat, u għaldaqstant il-baġit tnaqqas b'EUR 62 000.

Iż-żieda addizzjonali ta' EUR 150 000 fil-Kapitolu 21, 'Nefqa tal-IT', hija maħsuba għal 1) għodda ta' ġestjoni ta' strateġija, proġett inkluż fil-baġit għall-2014, iżda li ġie pospost għall-2015; 2) titjib ta' għodda tat-traduzzjoni; u 3) liċenzji u manutenzjoni għall-għodod SAP.

Iċ-Ċentru ra l-ħtieġa li jalloka l-ammont ta' EUR 15 000 għall-partita 1620 'Infiq ieħor' għall-assistenza lill-persunal, bħall-għajjnuna legali.

Fl-aħħar nett, peress li l-post ta' Direttur taċ-Ċentru għadu vojt, il-baġit għall-Partita 1100, 'Salarji bażiċi', tnaqqas b'EUR 63 000. B'dan it-tnaqqis, iċ-Ċentru m'għandux għalfejn iżid il-fond ta' prefinanzjament permanenti. Il-baġit totali għall-infiq tal-persunal se jiġi inkluż, bħas-soltu, fir-rieżami tal-infiq ta' nofs is-sena, bħala input għat-tieni baġit emendatorju.

II. DIKJARAZZJONI TAD-DĦUL U L-INFIQ – HARSJA ĠENERALI

Titolu	Intestatura	Ammont ġdid 2015	Baġit emendatorju 1/2015	Baġit 2015
	DĦUL			
1	PAGAMENTI MILL-AĠENZIJI U MILL-KORPI	39 930 700	0	39 930 700
2	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	0.	p.m.
3	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	3 120 300	0	3 120 300
4	DĦUL IEĦOR	343 250	0	343 250
5	EĊĊESS RIPOSTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	8 576 550	2 917 200	5 659 350
6	RIFUŻJONIJIET	-2 300 000	-2 300 000	p.m.
	TOTAL	49 670 800	617 200	49 053 600
	INFIQ			
1	PERSUNAL	24 244 400	-48 000	24 292 400
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	7 137 400	665 200	6 472 200
3	INFIQ OPERATTIV	18 289 000	0	18 289 000
10	FONDI TA' RIŻERVA	p.m.	0	p.m.
	TOTAL	49 670 800	617 200	49 053 600

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2015	Baġit emendatorju 1/2015	Baġit 2015	Rimarki
DĦUL					
1 0 2 6	Aġenzija Eżekuttiva għall-Konsumatur, is-Saħħa, l-Agrikoltura u l-Ikel (Chafea)	39 800	0	39 800	Dokumenti: 412-il paġna. L-aġenzija bidlet isimha u l-bidla hija riflessa hawnhekk.
1 0 5 2	Impriża Kongjunta għall-Komponenti u Sistemi Elettroniċi għat-Tmexxija Ewropea (ECSEL JU)	p.m.	0	—	Din il-partita tal-baġit tissostitwixxi l-partiti għall-impriżi kongjunti ARTEMIS u ENIAC. L-entrata korretta għall-2015 hija "p.m." u saret korrezzjoni.
1 0 5 4	Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)	p.m.	p.m.		Din il-partita tal-baġit ġdida hija għall-klijent SRB.
1 0	PAGAMENTI MILL-AĠENZJI, UFFIĊĊJI, ISTITUZZJONIJIET U KORPI	39 930 700	0	39 930 700	L-Artikolu 10(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2965/94, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1645/2003.
#	PAGAMENTI MILL-AĠENZJI, UFFIĊĊJI, ISTITUZZJONIJIET U KORPI	39 930 700	0	39 930 700	
#	SUSSIDJU MILL-KUMMISSJONI	p.m.	0	p.m.	
#	KOOPERAZZJONI INTERISTITUZZJONALI	3 120 300	0	3 120 300	
#	DĦUL IEĦOR	343 250	0	343 250	
5 0 1 5	Trasferiment mill-'Fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet'	7 682 250	2 831 900	4 850 350	It-trasferiment inizjali mir-'Riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet' kien meħtieġ minħabba d-deċizzjoni taċ-Ċentru biex fl-2015 inaqas il-prezz għas-servizzi tat-traduzzjoni tad-dokumenti u t-traduzzjoni tal-marki kummerċjali, u biex iżomm il-prezzijiet tal-2014 għas-servizzi l-oħra tiegħu. L-ammont ittrasferit fil-baġit emendatorju huwa għar-rimborż lill-klijenti, kif inkluż fil-partita 6000 tad-dħul, u biex tkun koperta n-nefqa relatata mal-kiri ta' spazju addizzjonali għall-uffiċċji. L-ammont totali tal-fond ta' riżerva huwa EUR 7 947 302.
501	Trasferimenti minn fondi ta' riżerva minn snin preċedenti	8 491 250	2 831 900	5 659 350	
5 0	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	8 491 250	2 831 900	5 659 350	
#	EĊĊESS RIPORTAT MIS-SENA FINANZJARJA PREĊEDENTI U TRASFERIMENTI MINN FONDI TA' RIŻERVA MINN SNIN PREĊEDENTI	8 491 250	2 831 900	5 659 350	
6 0 0 0	Rifużjonijiet lill-klijenti	-2 300 000	-2 300 000		p.m. Fl-2015 se jsir rimborż parzjali mill-fond ta' riżerva għall-istabbiltà tal-prezzijiet lill-klijenti taċ-Ċentru.

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2015	Baġit emendatorju 1/2015	Baġit 2015	Rimarki
600	Rifużjonijiet lill-klijenti	-2 300 000	-2 300 000	p.m.	
6 0	RIFUŻJONIJIET LILL-KLIJENTI	-2 300 000	-2 300 000	p.m.	
#	RIFUŻJONIJIET	-2 300 000	-2 300 000	p.m.	
#	Dħul Totali tat-Titoli	49 585 500	531 900	49 053 600	
INFIQ					
1 1 0 0	Salarji bażiċi	14 053 500	-63 000	14 116 500	Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-Kondizzjonijiet tal-impjieg ta' ħaddiema oħra tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 62 u 66 tagħhom. Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri s-salarji bażiċi tal-uffiċjali u l-persunal temporanju. It-tnaqqis huwa minħabba l-post vakanti ta' Direttur matul erba' xhur.
110	Persunal b'impjieg attiv	17 720 200	-63 000	17 783 200	
1 1	PERSUNAL B'IMPJIEG ATTIV	23 767 400	-63 000	23 830 400	
1 6 2 0	Infiq ieħor	15 000	15 000	p.m.	Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-assistenza għall-familji, il-laqgħat ta' merħba ta' persunal ġdid, l-għajnuna legali, l-għotjiet għal skawts u gwidi, għotja lis-segretarjat tal-assoċjazzjoni tal-ġenituri.
162	Infiq ieħor	15 000	15 000	p.m.	
1 6	SERVIZZI SOĊJALI	90 000	15 000	75 000	
#	PERSUNAL	24 244 400	-48 000	24 292 400	
2 0 0 0	Kiri ta' bini u nfiq assoċjat	2 165 300	201 400	1 963 900	Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-ħlas ta' kirjiet ta' bini jew partijiet ta' bini u l-isparzi għall-parkeġġ użati miċ-Ċentru.
200	Investiment fil-proprietà immobbli, kiri ta' bini u nfiq assoċjat	2 165 300	201 400	1 963 900	
2 0 2 0	Ilma, gass, elettriku u tisħin	232 900	16 700	216 200	Din l-approprijazzjoni hija maħsuba biex tkopri in-nefqa ta' rutina.

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2015	Baġit emendatorju 1/2015	Baġit 2015	Rimarki
202	Ilma, gass, elettriku u tisħin	232 900	16 700	216 200	
2 0 3 0	Tindif u manutenzjoni	308 700	18 700	290 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa ta' tindif (tindif regolari, xiri ta' prodotti ta' tindif, ħasil, laundry u dry-cleaning, eċċ.), in-nefqa ta' manutenzjoni tat-tagħmir u l-installazzjonijiet tekniċi (lifts, tisħin ċentrali u stallazzjonijiet tal-arja kkondizzjonata, eċċ.) u n-nefqa għar-rimi tal-iskart.
203	Tindif u manutenzjoni	308 700	18 700	290 000	
2 0 4 0	Arredament tal-post	99 500	69 500	30 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri l-arredament tal-post u t-tiswijiet tal-bini.
204	Arredament tal-post	99 500	69 500	30 000	
2 0	INVESTIMENT FIL-PROPRJETÀ IMMOBBLI, KIRI TA' BINI U NFIQ ASSOĊJAT	3 028 500	306 300	2 722 200	Iż-żieda fil-Kapitolu 20 hija meħtieġa biex tippermetti liċ-Ċentru jkri spazju addizzjonali għall-uffiċċji fil-bini attwali tiegħu.
2 1 0 0	Xiri, xogħol fuq, servisjar u manutenzjoni tal-hardwer u s-softwer	1 776 000	80 000	1 696 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri jew il-kiri ta' hardwer tal-kompjuter, l-iżvilupp tas-softwer, il-manutenzjoni tas-softwer jew l-imballaġġ tas-softwer u d-diversi oġġetti ta' konsum tal-ipproċessar tad-data, eċċ. Tagħmir ta' telekomunikazzjoni, magni tal-fotokopji u magni tal-istampar huma rreġistrati wkoll f'din il-partita. Żieda ta' EUR 50 000 hija meħtieġa minħabba l-estensjoni ta' spazju għall-uffiċċji, u EUR 30 000 hija meħtieġa għan-nefqa relatata mal-għodod SAP.
210	Teknoloġija tal-informatika	1 776 000	80 000	1 696 000	
2 1 2 0	Servizzi esterni għall-operat, l-implimentazzjoni, l-iżvilupp u l-manutenzjoni tas-softwer u s-sistemi	1 394 000	120 000	1 274 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-persunal operattiv estern (operaturi, amministraturi, inġiniera tas-sistemi, eċċ.). Żieda ta' EUR 120 000 hija meħtieġa għat-titjib ta' funzjonalità fl-għodda tat-traduzzjoni u biex tkopri n-nefqa għal proġett li ġie pospost mill-2014 u li għalih il-baġit previst ma setax jiġi riportat għall-2015.
212	Servizzi tat-teknoloġija tal-informatika	1 394 000	120 000	1 274 000	
2 1	IPPROĊESSAR TAD-DATA	3 170 000	200 000	2 970 000	
2 2 0 4	Tagħmir tal-uffiċċju	57 000	40 000	17 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri x-xiri, il-kiri, il-manutenzjoni u t-tiswija ta' tagħmir elettroniku tal-uffiċċju u installazzjonijiet tekniċi, minbarra tagħmir bħal magni tal-istampar u magni tal-fotokopji.
220	Installazzjonijiet tekniċi u tagħmir elettroniku tal-uffiċċju	57 000	40 000	17 000	
2 2 1 0	Xiri ġdid	61 600	26 600	35 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri ix-xiri, is-sostituzzjoni, il-manutenzjoni, l-użu u t-tiswija tal-għamara.

Titolu Kapitolu Artikolu Partita	Intestatura	Ammont ġdid 2015	Baġit emendatorju 1/2015	Baġit 2015	Rimarki
227	Għamara	61 600	26 600	35 000	
2 2	PROPRJETÀ MOBBLI U NFIQ ASSOĊJAT	173 900	66 600	107 300	
2 3 5 3	Ġarr dipartimentali	15 000	7 000	8 000	Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tkopri n-nefqa tal-ġarr, kemm fil-bini kif ukoll għall-bini l-ġdid.
235	Infiq operattiv ieħor	37 400	7 000	30 400	
2 3	NEFQA AMMINISTRATTIVA ATTWALI	290 400	7 000	283 400	
2	BINI, TAGĦMIR U NFIQ OPERATTIV VARJU	7 052 100	579 900	6 472 200	
3	INFIQ OPERATTIV	18 289 000	0	18 289 000	
1 0	FONDI TA' RIŻERVA	p.m.	0	p.m.	
	Spejjeż Totali tat-Titoli	49 585 500	531 900	49 053 600	

ANNEX 1 – TABELLA TAL-PERSUNAL

Gruppi ta' funzjoni u gradi	2013		2014		2015		2015	
	Mimlija fil-31.12.2013		Awtorizzati taħt il-baġit		Awtorizzati taħt il-baġit		Awtorizzati taħt il-baġit emendatorju 1/2015	
	Postijiet tax-xogħol permanenti	Persunal temporanju	Postijiet tax-xogħol permanenti	Postijiet tax-xogħol temporanji	Postijiet tax-xogħol permanenti	Postijiet tax-xogħol temporanji	Postijiet tax-xogħol permanenti	Postijiet tax-xogħol temporanji
AD 16	0	0	0	0	0	0	0	0
AD 15	0	0	0	1	0	0	0	0
AD 14	1	0	1	0	1	1	1	1
AD 13	0	0	0	0	0	0	0	0
AD 12	4	3	10	4	11	6	11	6
AD 11	9	8	9	8	10	7	10	7
AD 10	9	6	8	6	7	4	7	4
AD 9	1	7	3	11	2	12	2	12
AD 8	6	4	8	7	9	10	9	10
AD 7	6	20	2	24	2	21	2	21
AD 6	5	13	4	19	3	25	3	25
AD 5	2	26	0	12	0	5	0	5
TOTAL AD	43	87	45	92	45	91	45	91
AST 11	0	0	0	0	0	0	0	0
AST 10	0	0	0	0	0	0	0	0
AST 9	0	1	1	1	2	0	2	0
AST 8	5	0	4	0	4	0	4	0
AST 7	2	3	2	3	2	3	2	3
AST 6	2	2	2	2	1	3	1	3
AST 5	2	6	2	12	2	13	1	14
AST 4	2	12	3	14	3	15	3	15
AST 3	1	18	0	13	0	9	0	9
AST 2	0	4	0	7	0	7	0	7
AST 1	0	3	0	0	0	0	0	0
TOTAL AST	14	49	14	52	14	50	13	51
AST/SC 6	0	0	0	0	0	0	0	0
AST/SC 5	0	0	0	0	0	0	0	0
AST/SC 4	0	0	0	0	0	0	0	0
AST/SC 3	0	0	0	0	0	0	0	0
AST/SC 2	0	0	0	0	0	0	0	0
AST/SC 1	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL AST/SC	0	0	0	0	0	0	0	0
TOTAL	57	136	59	144	59	141	58	142
PERSUNAL TOTALI	193	203	200	200	200	200	200	200

* Post tax-xogħol permanenti wieħed AST 5 jinbidel għal post tax-xogħol temporanju AST 5.